# QALB L-EGĦLIEQI

Żerniq ta' sema ħiemed, tgeġwiġija
ta' mitt għasfur ipespes fuq il-friegħi
tas-siġra malli x-xemx troxx l-ewwel dija:
blat għoli bil-kappar, widien u tliegħi,

fawwara tal-irdum, għerien u tliegħi
ta' bejn l-ixfar tal-għolja għal fil-għaxija
bl-aħħar ġamriet tax-xemx iħammru; ġmiegħi
ta' ngħaġ telgħin għall-maqiel mill-qasbija.

Setaħ imwennes mill-werżieq; ja dwieli
li tgħattu l-bir mix-xemx, ħitan tal-ġnejna
li għadkom imgħannqin mal-liedna, għaddieli

ħsiebkom minn moħħi l-lum kollkom imżejna
bil-hena tal-għodwiet, ta' nhar, ta' ljieli
li tfal ħabbejna u l-lum għalkemm insejna....

Ja kenn ta' ħedu kbir, erwieħ moħbija,
il-lum li bikom ħlomt u xtaqtkom tiegħi,
bħal mita fikom għext mindu tarbija,
ilqgħuni biex inserraħ moħħi u driegħi.

Irridkom hekk madwari tibqgħu miegħi
bil-ħabaq, bil-merqdux ta' ġol-qasrija
u b'dawk is-siġar li ħallejthom żriegħi
inebbtu, il-lum tħalluni nistennieha

lil dik li f'qalbi żrajt u qaċċtuhieli
malli xxettlet mas-snin: oh qalbi mdejna
mad-dinja l-lum tinsab b'ferħ żgħir u dlieli....

Taħt is-siġar li xjieħu f'dik il-ġnejna
waħda ta' serħ u sliem nibtet max-xtieli
li bil-ward tagħha, tfal, il-qalb imlejna.

A. Cremona.